**29 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Felice Fenech**

*versus*

**Carmelo Bellia**

**Preskrizzjoni — Kompensazzjoni — Rinunzja.**

*L-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, jekk tingħata wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, tikkostitwixxi rinunzja taċita għall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni.*

*Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tiġi opposta in sub-ordine u bla preġudizzju tal-preskrizzjoni; għax bil-fatt tiegħu stess il-konvenut, li jeċċepixxi l-kompensazzjoni, jiġi li jirrinunzja għall-preskrizzjoni, li hu ma jistgħax isalva b'sempliċi riżerva.*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix aktar ammissibbli jekk il-konvenut, in segwitu għaliha, jopponi l-kompensazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u li jingħataw il-provvedimenti neċessarji, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur £33, bilanċ ta' somma akbar dovuta minnu għal erbgħa snin qbiela tar-raba' "ta' Vnezja" fil-limiti tal-Mosta bis-£7 fis-sena, li għalqu b'lura fil-15 ta' Awissu 1954, u għall-prezz ta' silla u tiben lill-konvenut mibjugħa ċirka ħames snin ilu; bilanċ, għaliex il-konvenut ċeda kreditu lill-attur akkont tad-debitu tiegħu, kreditu li l-attur għadu ma nkassax, u għalhekk jirriżerva d-dritt li jirrepetieh minn għand il-konvenut jekk ma jitħallasx. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Settembru 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-attur kien biegħ lill-konvenut xi silla u xi tiben, u wara qabbillu l-għalqa ndikata fiċ-ċitazzjoni, u l-konvenut dam fiha erbgħa snin. Il-konvenut jirrikonoxxi li ta' dan ma ħallas xejn lill-attur, għaliex, kif xehed (fol. 27), huwa kellu jieħu minn għand l-attur tat-trasport ta' xi ġebel li kien għamillu u tad-demel li kien biegħlu, u ppretenda, kif ikompli jgħid il-konvenut, illi kull wieħed imur bilħi ħa. L-attur bagħatlu, allura, ittra biex jirranġaw, u Gio Maria Vella ndaħal bejniethom u pprova jirranġahom. L-attur jaċċerta li l-arranġament sar u li hu ħareġ kreditur fis-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni; iżda l-konvenut jinsisti li dan l-arranġament ma sarx — ċirkustanza din li tirrigwarda l-meritu tal-kawża, u li għall-fini tal-eċċepita preskrizzjoni ma għandhiex wisq importanza;

Illi l-konvenut, għad li fl-ewwel lok iddefenda ruħu bil-preskrizzjoni, mbgħad, sija pure b'mod subordinat u mingħajr preġudizzju ta' dik l-eċċezzjoni qanqal l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, b'mod li, wara li huwa jpaċi d-dejn tiegħu lejn l-attur, jibqagħlu jieħu minn għandu bilanċ ta' £25. 10. 0;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi titwieled il-kwistjoni jekk il-preskrizzjoni fuq eċċepita hijiex aktar ammissibbli;

Illi huwa magħruf illi l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, jekk din tingħata wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, tikkostitwixxi rinunzja taċita għall-istess preskrizzjoni. Jgħid Troplong:— "La compensazione è una specie di pagamento, e non si paga un debito quando lo si vuol lasciare prescrivere" (Prescrizione, §66 u §618(8). F'dan is-sena huwa wkoll Baudry-Lacantinerie (Prescrizione, §73). Il-Giorgi, mbgħad, rigward il-kompensazzjoni volontarja, kif inhu l-każ tagħna, a differenza minn dik li tissuċċiedi "ope legis", josserva illi "il-debitore, ammettendo la compensazione del suo credito col debito, interrompe la prescrizione che correva a danno di questo anche per la somma eccedente la compensazione" (Obbligazioni, VII, § 276). F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXXII-I-639 u XXXIV-I-326); u

għalhekk il-preskrizzjoni ġiet dikjarata inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni (Kollez. XXX-I-964);

Illi konsegwentement il-konvenut, bl-atteġġjament tiegħu stess, ma jistgħax jopponi iżjed il-preskrizzjoni tal-kreditu tal-attur. Xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine u bla preġudizzju tal-eċċepita preskrizzjoni, in vista tal-prinċipju "protestatio contra factum non relevat"; u bil-fatt tiegħu stess il-konvenut ġie rrinunzja għall-preskrizzjoni, u għalhekk ma setgħax isalvaha b'sempliċi riżerva. "Se io pago una somma dovuta", jgħid Troplong, "dichiorando che non rinunzio alla prescrizione, vi ha nella mia condotta una contradizione evidente, che colpisce d'inefficacia la mia protesta e la fa considerare come non scritta; poichè se il mio debito è prescritto, niente mi obbliga a pagarlo; e se lo pago, ciò vuol dire che io rinunzio alla prescrizione. Il fatto deve prevalere alle vaghe parole: un pagamento reale, effettivo, spontaneo, è più grave e più degno di considerazione di qualsivolgla riserva vocale e di qualunque parola spesso non ponderata" (op. ċit., §61). Tal-istess fehma huwa Laurent, li jara f'dan l-atteġġjament tad-debitur vera kontradizzjoni, bħal meta wieħed jgħid "rinunzio alla prescrizione e mi riservo di farla valere" (Diritto Civile, XXXII, § 193);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tas-26 ta' Frar 1960, sabiex titkompla skond il-liġi.